IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.8.2013
COM(2013) 597 final

2013/0287 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness IV tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-għan tal-Kummissjoni huwa li jkollha sett koerenti ta' regoli ta' implimentazzjoni rigward l-istrumenti finanzjarji esterni skont il-Baġit u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) mill-1 ta' Jannar 2014, hekk kif il-miżuri tranżitorji tal-11-il FEŻ jibdew japplikaw. Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid u l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni dwar azzjonijiet esterni skont il-Perspettiva Finanzjarja Pluriennali li jmiss (2014-2020) fihom numru ta' elementi li jeħtieġu li jsiru aġġustamenti tekniċi għall-Anness IV tal-Ftehim tas-Sħubija AKP-KE.

Dawn l-aġġustamenti tekniċi għandhom l-għan li jintroduċu l-innovazzjonijiet proposti rigward l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji esterni skont il-Baġit, li jaqbel li jiġu estiżi għas-Sħubija AKP-UE, madankollu mingħajr ma jiġu kompromessi l-objettivi speċifiċi li jsegwi. Huwa mistenni li wara dawn l-aġġustamenti, l-implimentazzjoni tal-FEŻ se tkun aktar sempliċi u aktar effiċjenti.

B'mod partikolari, l-emendi proposti jimmiraw ir-regoli tan-nazzjonalità u tal-oriġini (l-Artikoli 20 u 22 tal-Anness IV), kif ukoll ir-reġim ta' preferenzi (l-Artikolu 26).

Minkejja li r-reviżjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE fl-2010 wasslet għall-parteċipazzjoni miftuħa kompletament fil-proċeduri ta' għoti u ta' akkwist iffinanzjati t-tnejn mill-Baġit u mill-FEŻ, il-Kummissjoni hija tal-fehma li għadu jista' jsir xi progress skont il-kuntest politiku li qed jevolvi. Meta wieħed iqis l-impenji li l-UE ħadet f'Busan[1], f'Akkra[2] u fid-DAC tal-OECD f'Pariġi fl-2010, diġà ġiet issuġġerita simplifikazzjoni armonizzata rigward ir-regoli tan-nazzjonalità u l-oriġini ta' strumenti finanzjarji esterni skont il-Baġit. Filwaqt li tinżamm il-qalba tar-reġim attwali tal-Anness IV, qed jiġi ssuġġerit li dan ir-reġim jiġi kkumplementat bir-regoli simplifikati u armonizzati proposti skont il-Baġit.

Bħala eżempju, huwa ssuġġerit li entitajiet tal-pajjiżi tal-AKP isiru eliġibbli għal proċeduri ta' akkwist pubbliku għal proġetti fi kwalunkwe pajjiż fil-fażi tal-iżvilupp. Bi tpattija għall-qligħ tas-suq tal-pajjiżi tal-AKP, l-entitajiet tal-pajjiżi kollha fil-fażi tal-iżvilupp, bl-eċċezzjoni tal-membri tal-G20, jsiru wkoll eliġibbli għall-akkwist pubbliku skont il-FEŻ.

Fir-rigward tar-reġim ta' preferenzi, il-modifiki preċedenti biddlu t-test tal-Artikolu 26 b'tali mod li fixklu l-koerenza u l-applikabbiltà tar-reġim. Bħala riżultat, qed jiġi ssuġġerit li jsiru l-aġġustamenti tekniċi meħtieġa biex tiġi stabbilita mill-ġdid l-integrità tal-Artikolu.

Skont l-Artikolu 100 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE, l-Anness IV jista' jiġi rrivedut permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE. Sabiex ikun żgurat li sal-1 ta' Jannar 2014 sett koerenti ta' regoli ta' implimentazzjoni għall-Baġit u l-FEŻ ikun fis-seħħ, qed jiġi ssuġġerit li l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jieħu d-deċiżjoni permezz ta' skambju ta' ittri bejn il-President tal-Kunsill tal-AKP u l-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadotta d-Deċiżjoni mehmuża.

---

[1] Ara d-Dokument tal-Eżitu ta' Busan, id-29 ta' Novembru – l-1 ta' Diċembru 2011, disponibbli fuq http://www.oecd.org/dac/effectiveness/busanpartnership.htm

[2] Ara l-Aġenda ta' Akkra għall-Azzjoni (2008), disponibbli fuq http://www.oecd.org/dac/effectiveness/parisdeclarationandaccraagendaforaction.htm

2013/0287 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness IV tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmat f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju 2000[3] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE"),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 100 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE jgħid li l-Annessi Ia, Ib, II, III, IV u VI tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE jistgħu jiġu riveduti, eżaminati mill-ġdid u/jew emendati mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni min-naħa tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni AKP-UE għall-Finanzjament tal-Iżvilupp.

(2) Ittieħdu impenji internazzjonali lejn l-effettività tal-għajnuna mill-Partijiet għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE f'Busan, f'Akkra u fid-DAC tal-OECD f'Pariġi fl-2010.

(3) Ir-regoli tan-nazzjonalità u l-oriġini jistgħu jkunu ulterjorment imtejba skont l-impenji internazzjonali msemmija hawn fuq.

(4) Il-kjarifika u s-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Anness IV tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE jistgħu jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-FEŻ.

[3] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Il-Ftehim kif emendat bil-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4) u bil-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE rigward ir-reviżjoni tal-Anness IV mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE, mehmuż ma' dan.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI TAL-AKP-KE

dwar ir-reviżjoni tal-Anness IV tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI TAL-AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju 2000[4] kif emendat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005[5] u f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010[6] ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE"), u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 100 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE jgħid li l-Annessi Ia, Ib, II, III, IV u VI tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE jistgħu jiġu riveduti, eżaminati mill-ġdid u/jew emendati mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni min-naħa tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni AKP-UE għall-Finanzjament tal-Iżvilupp.

(2) Ittieħdu impenji internazzjonali lejn l-effettività tal-għajnuna mill-Partijiet għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE f'Busan, f'Akkra u fid-DAC tal-OECD f'Pariġi fl-2010.

(3) Ir-regoli tan-nazzjonalità u tal-oriġini jistgħu jkunu ulterjorment imtejba f'konformità mal-impenji internazzjonali msemmija hawn fuq.

(4) Il-kjarifika u s-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Anness IV tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE jistgħu jtejbu l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-FEŻ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IV tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE qed jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 19C, il-paragrafu 5 qed jinbidel b'dan li ġej:

"B'konformità mal-impenn imsemmi fl-Artikoli 49 u 50 ta' dan il-Ftehim, il-kuntratti u l-għotjiet iffinanzjati minn riżorsi mill-qafas finanzjarju ta' kooperazzjoni pluriennali mal-AKP għandhom jitwettqu skont standards bażiċi rikonoxxuti internazzjonalment fil-qasam tal-liġi dwar ix-xogħol u skont il-leġiżlazzjoni ambjentali applikabbli inklużi ftehimiet ambjentali pluriennali".

2. Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

---

4 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehim kif rettifikat mill-ĠU L 385, 29.12.2004, p. 88.
5 ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27.
6 ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.

"Ħlief f'każ li tingħata deroga skont l-Artikolu 22, u bla ħsara għall-Artikolu 26:

Il-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti ta' appalt jew ta' għotjiet iffinanzjati mill-qafas finanzjarju pluriennali ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi kollha li huma ċittadini ta', jew persuni ġuridiċi li huma stabbiliti:

(a) fi Stat tal-AKP, fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea, f'pajjiż uffiċjalment kandidat biex jingħaqad mal-Komunità Ewropea jew fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea;

(b) f'pajjiżi u territorji fil-fażi tal-iżvilupp, kif inkluż fil-lista ta' Riċevituri tal-ODA tad-DAC tal-OECD, li mhumiex membri tal-grupp G-20, bla ħsara għall-istatus tar-Repubblika tal-Afrika ta' Isfel, kif irregolat mill-Protokoll 3, u f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej koperti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill [2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001][7]

(c) f'pajjiżi li għalihom huwa stabbilit aċċess reċiproku għall-assistenza esterna mill-Kummissjoni.

L-aċċess reċiproku jista' jingħata, għal perjodu limitat ta' mill-inqas sena, kull meta pajjiż jagħti eliġibbiltà fuq termini ugwali lil entitajiet mill-Komunità u minn pajjiżi eliġibbli skont dan l-Artikolu;

(d) Stat membru tal-OECD, fil-każ ta' kuntratti implimentati f'Pajjiż l-Anqas Żviluppat jew f'Pajjiż Fqir b'Ħafna Dejn (HIPC), kif inkluż fil-lista ta' Riċevituri tal-ODA tad-DAC tal-OECD ippubblikata mid-DAC tal-OECD."

3. Fl-Artikolu 20, jitħassar il-paragrafu 1a.

4. Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"Il-provvisti u l-materjali kollha mixtrija skont kuntratt ta' akkwist, jew b'konformità mal-ftehim ta' għoti, iffinanzjat mill-qafas finanzjarju pluriennali ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim joriġinaw minn pajjiż eliġibbli, kif definit f'dan l-Artikolu.

Madankollu, huma jistgħu joriġinaw minn kwalunkwe Stat meta l-ammont ta' provvisti u materjali li se jinxtara hu taħt il-limitu għall-użu tal-proċedura kompetittiva nnegozjata.

F'dan il-kuntest, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" tkun ikkunsidrata fid-dawl tal-konvenzjonijiet internazzjonali pertinenti, u l-provvisti li joriġinaw mill-Komunità jinkludu provvisti li joriġinaw mill-Pajjiżi u mit-Territorji Ekstra-Ewropej.

5. Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Kull meta l-qafas finanzjarju pluriennali ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim jiffinanzja operazzjoni implimentata permezz ta' organizzazzjoni internazzjonali, il-parteċipazzjoni fi proċeduri tal-għoti ta' kuntratti ta' appalt jew ta' għotjiet tkun

[7] ĠU L 314 tat-30.11.2001, p. 1

miftuħa għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha eliġibbli skont il-paragrafu 1, kif ukoll għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha eliġibbli skont ir-regoli tal-organizzazzjoni, waqt li jiġi żgurat trattament ugwali għad-donaturi kollha. L-istess regoli japplikaw għall-provvisti u l-materjali."

6. Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"Kull meta l-qafas finanzjarju pluriennali ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim jiffinanzja operazzjoni implimentata bħala parti minn inizjattiva reġjonali, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti ta' appalt jew ta' għotjiet tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha eliġibbli skont il-paragrafu 1, kif ukoll għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha ta' pajjiż parteċipanti fl-inizjattiva rilevanti. L-istess regoli japplikaw għall-provvisti u l-materjali."

7. Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"Kull meta l-qafas finanzjarju pluriennali ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim jiffinanzja operazzjoni kofinanzjata ma' sieħeb/sieħba jew ma' donatur ieħor jew implimentata permezz ta' Stat Membru f'ġestjoni kondiviża jew permezz ta' Fond Fiduċjarju stabbilit mill-Kummissjoni, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti bl-appalt jew ta' għotjiet tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li huma eliġibbli skont il-paragrafu 1 u għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha eliġibbli skont ir-regoli ta' dak is-sieħeb, donatur ieħor jew Stat Membru jew determinat fil-Fond Fiduċjarju tal-Att kostituttiv.

Fil-każ ta' azzjonijiet implimentati permezz ta' entitajiet fdati, li huma Stati Membri jew l-aġenziji tagħhom, permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew l-aġenziji tagħhom, il-persuni naturali jew ġuridiċi li huma eliġibbli skont ir-regoli ta' dik l-entità fdata, kif identifikat fil-ftehimiet konklużi mal-entità ta' kofinanzjament jew ta' implimentazzjoni jkunu eliġibbli wkoll. L-istess regoli japplikaw għall-provvisti u l-materjali."

8. Fl-Artikolu 20, jiżdied il-paragrafu 8 ġdid:

"Kull meta l-qafas finanzjarju pluriennali ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim jiffinanzja operazzjoni kofinanzjata skont Strument finanzjarju estern ieħor, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti ta' appalt jew ta' għotjiet tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha eliġibbli skont il-paragrafu 1, kif ukoll għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha eliġibbli skont kwalunkwe wieħed minn dawn l-Istrumenti. L-istess regoli japplikaw għall-provvisti u l-materjali."

9. Fl-Artikolu 20, jiżdied il-paragrafu 9 ġdid:

"L-eliġibbiltà kif definita f'dan l-Artikolu tista' tiġi ristretta fir-rigward tan-nazzjonalità, tal-lokalizzazzjoni jew tan-natura tal-offerenti, tal-applikanti u tal-kandidati, fejn ikun meħtieġ min-natura u mill-għanijiet tal-azzjoni u kif meħtieġ għall-implimentazzjoni effikaċi tagħha.

10. Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"L-offerenti, l-applikanti u l-kandidati minn pajjiżi terzi li mhumiex eliġibbli skont l-Artikolu 20 jistgħu jkunu awtorizzati jipparteċipaw fi proċeduri għall-għoti ta'

kuntratti ta' appalt jew għotjiet iffinanzjati mill-Komunità mill-qafas finanzjarju pluriennali ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim jew provvisti u materjali ta' oriġini mhux eliġibbli jistgħu jiġu aċċettati bħala eliġibbli fuq it-talba ġustifikata tal-Istati tal-AKP jew tal-organizzazzjoni jew l-entità rilevanti f'livell reġjonali jew intra-AKP fil-każ ta':

(a) pajjiżi li tradizzjonalment għandhom rabtiet ekonomiċi, kummerċjali jew ġeografiċi ma' pajjiżi benefiċjarji ġirien, jew

(b) urġenza jew nuqqas ta' prodotti u servizzi fis-swieq tal-pajjiżi kkonċernati, jew każijiet oħrajn debitament sostanzjati fejn ir-regoli tal-eliġibbiltà jagħmlu t-twettiq ta' proġett, programm jew azzjoni impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

L-Istat tal-AKP jew l-organizzazzjoni jew l-entità rilevanti f'livell reġjonali jew intra-AKP, f'kull okkażjoni, jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex tiddeċiedi dwar deroga bħal din."

11. Fl-Artikolu 26, il-paragrafu 1, il-punt a.), jinbidel b'dan li ġej:

"għal kuntratti ta' xogħlijiet ta' valur ta' inqas minn EUR 5 000 000, l-offerenti tal-Istati tal-AKP, sakemm mill-inqas kwart tal-ħażniet tal-kapital u tal-persunal maniġerjali ikun ġej minn Stat wieħed jew aktar tal-AKP, jingħatawpreferenza tal-prezz ta' 10 % matul il-valutazzjoni finanzjarja;"

12. Fl-Artikolu 26, il-paragrafu 1, il-punt b.), jinbidel b'dan li ġej:

"għal kuntratti ta' forniment b'valur ta' inqas minn EUR 300 000, l-offerenti sottomessi minn ditti tal-AKP, jew individwalment jew f'konsorzju ma' sħab Ewropej, jingħataw preferenza tal-prezz ta' 15 % matul il-valutazzjoni finanzjarja"

13. Fl-Artikolu 26, il-paragrafu 1, jitħassar il-punt c.).

14. Fl-Artikolu 26, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"Fejn żewġ offerenti jkunu rikonoxxuti bħala li huma ekwivalenti, tingħata preferenza:

(a) lill-offerent ta' Stat AKP; jew

(b) jekk l-ebda offerent bħal dan ma jkun disponibbli, lill-offerent li:

i) jippermetti l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi fiżiċi u umani tal-Istati tal-AKP;

ii) joffri l-aqwa possibbiltajiet subkuntrattwali lill-kumpaniji, ditti jew persuni fiżiċi tal-AKP; jew

iii) jkun konsorzju ta' persuni fiżiċi, ta' kumpanniji jew ta' ditti mill-Istati tal-AKP u mill-Komunità."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tiġi adottata fil-Kunsill tal-Ministri AKP-KE permezz ta' skambju ta' ittri bejn il-President tal-Kunsill tal-AKP u l-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ meta titlesta l-proċedura msemmija hawn fuq.

Magħmul fi […], […]

Għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Il-President

Għall-Kunsill tal-Ministri tal-AKP
Il-President